# IT-TIENI PARTI
# IT-TIENI SEZZJONI
# APPELLI KUMMERĊJALI

**18 ta' Marzu, 1987**

**Imħallfin: –**

**S.T.O. Carmelo Schembri LL.D. – President**
**Onor. Hugh Harding B.A., LL.D., F.S.A., F.R.Hist.S.**
**Onor. Carmelo Agius B.A., LL.D.**

John Ellul *et*

versus

Emanuel Ellul *noe*

**Proċedimenti bil-Proċedura Sommarja Speċjali – Giljottina – Termini li Għandhom jiġu Osservati – Sentenza – Nullità ta'**

*Il-Qorti ta' l-Appell annullat is-sentenza ta' l-ewwel Qorti għaliex sabet illi biex tingħata sentenza bil-proċedura sommarja speċjali, it-termini imposti mil-liġi għandhom jiġu osservati rigorożament.*

Il-Qorti: –

Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-atturi wara li ppremettew li l-konvenuti *nomine* huma debituri versu l-atturi fis-somma ta' mija seba' u tmenin lira u ħamsin ċenteżmu (Lm187.50,0) bħala

sehemhom mill-kera dovut bil-quddiem mit-28 ta' Marzu, 1984, sas-27 ta' Ġunju, 1984 għall-bini numru 26, Racecourse Street, Marsa, talbu li prevja kwalunkwe dikjarazzjoni neċessarja u mogħti kull provvediment opportun, il-konvenuti *nomine* għar-raġunijiet premessi (1) jiġu kkundannati jħallsu lill-atturi s-somma ta' Lm187.50,0, fuq indikata, u dan bid-dispensa tas-smigħ tal-kawża skond l-artikolu 167 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili in vista ta' l-affidavit ta' l-attur John Ellul hawn anness bħala dokument "A"; bl-ispejjeż kompriżi dawk ta' l-ittra legali u ta' l-ittra uffiċjali tad-29 ta' Mejju, 1984, u kontra l-konvenuti *nomine;*

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-atturi u l-affidavit ta' l-attur John Ellul;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Kummerċ tad-29 ta' Ġunju, 1984, li biha laqgħet it-talba ta' l-atturi kif dedotta fiċ-ċitazzjoni bl-ispejjeż kontra l-konvenuti *nomine* li lilhom baqa' riservat kull dritt ieħor lilhom spettanti skond il-liġi *"si et quatenus"* u dan wara li kkunsidrat li ġej:

Illi l-konvenuti *nomine* talbu permess biex jikkontestaw il-kawża, iżda fil-fehma tal-Qorti din it-talba m'hix ġustifikata għaliex il-konvenuti *nomine* ma ssodisfawx lill-Qorti li għandhom eċċezzjonijiet tajbin fil-liġi u fil-fatt xi jġibu kontra l-mertu tal-kawża;

Illi mill-banda l-oħra fiċ-ċirkostanzi t-talba ta' l-attur kif dedotta fiċ-ċitazzjoni tidher ġustifikata u jidher għalhekk li hemm lok li s-sentenza tingħata llum stess, bid-dispensa tas-smigħ tal-kawża skond il-proċedura ta' l-artikolu 167 *et sequitur* tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili;

Rat a fol. 26 in-nota ta' l-appell tal-konvenuti u a fol. 28 sa 31 il-petizzjoni ta' l-appell tagħhom li biha talbu li din il-Qorti jogħġobha tirrevoka tħassar u tannulla s-sentenza appellata u tiddeċidi li l-konvenuti għandhom eċċezzjonijiet tajba fil-liġi u fil-fatt xi jġibu kontra l-mertu tal-kawża u kwindi, prevja l-permess tal-konvenuti li jopponi l-azzjoni u jippreżentaw l-eċċezzjonijiet tagħhom, tirrinvija l-atti lill-Ewwel Qorti ħalli l-kawża tieħu l-kors normali tagħha kif stabbilit fl-artikolu 170(2)(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-atturi;

Rat is-sentenza preliminari tagħha tat-22 ta' Ġunju, 1986, li biha akkoljiet eċċezzjoni ta' l-appellanti billi ddikjarat illi r-risposta ta' l-appell ta' l-appellati kienet nulla u konsegwentement ordnat l-isfilz tagħha mill-proċess;

Rat l-atti l-oħra kollha li huma rilevanti u opportuni;

Semgħet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

Illi dan l-appell qed jiġi deċiż fuq l-istess bażi legali indikata fis-sentenza l-oħra tagħha tallum stess fil-kawża Ċitaz. 886/84JH John Ellul *et vs* Emanuel Ellul *et nomine* peress li l-prinċipji legali hemm enunzjati dwar it-termini imposti bl-artikolu 169 tal-Kodiċi msemmi japplikaw *mutatis mutandis* għal din il-kawża u l-fatti huma pressocchè identiċi. Għalhekk qed issir speċifika riferenza għal dawk ir-raġonamenti legali;

Kwantu għall-fatti jirriżulta li ċ-ċitazzjoni li ġiet ippreżentata fit-18 ta' Ġunju, 1984 ġiet innotifikata lill-konvenut Emmanuel

Ellul (lill-oħrajn lanqas tirriżulta riferta) fit-22 ta' Ġunju, 1984, ċjoè oltre l-jumejn tax-xogħol imposti mill-artikolu 169 tal-Kap. 12. Inoltre fit-terminu ta' l-istess artikolu kellha tiġi appuntata għal mhux aktar tard minn jumejn tax-xogħol min-notifika taċ-ċitazzjoni. Jidher invece li l-kawża ġiet appuntata għad-29 ta' Ġunju, 1984, li wkoll hu oltre l-jumejn tax-xogħol previsti mil-liġi. Dan kellu jwassal għall-unika konklużjoni possibli u ċjoè li l-kawża ma setgħetx tinstema' bil-proċedura sommarja speċjali stabbilita fl-artikolu 167 tal-Kap. 12 iżda kellha tieħu l-kors normali tagħha;

Għal dawn il-motivi għalhekk u fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet premessi tiddisponi mill-appell interpost billi tiddikjara s-sentenza appellata nulla u bla effett u tirrinvija l-atti lill-Ewwel Onorabbli Qorti għall-kontinwazzjoni tal-kawża skond il-liġi. L-ispejjeż taż-żewġ istanzi jiġu ssopportati bin-nofs bejn il-partijiet.